# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru**
**Rikors maħluf numru 1247/2011 AE**

**Carmel u Sylvia konjuġi Grima**

***v.***

**Carmelo Gauci, Anthony Gauci,**
**Alfred Gauci, Victor Gauci**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Diċembru 2012 li ċaħdet it-talbiet tagħhom f'kawża ta' jattanza għax sabet li ma kellhomx it-tgawdija tal-jedd vantat mill-konvenuti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'diversi atti ġudizzjarji – żewġ rikorsi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li ġew miċħuda, u żewġ protesti ġudizzjarji – il-konvenuti ivvantaw jedd fuq biċċa art f'San Pawl il-Baħar, qiegħdu lill-atturi *in mala fide* u fittxew li jżommuhom milli jaljenaw l-art jew jidħlu fiha. L-

atturi għalhekk fetħu l-azzjoni tallum u talbu illi l-qorti tagħti lill-konvenuti żmien kif igħid l-art. 404(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex iressqu b'kawża l-pretensjonijiet tagħhom miġjuba fl-atti ġudizzjarji fuq imsemmija u, jekk jonqsu, jiġu miżmuma milli qatt iżjed jaġixxu għal dawk il-pretensjonijiet.

3. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. illi fl-ewwel lok l-azzjoni odjerna hija perenta peress li ma ġietx intavolata *entro* t-terminu moghti mill-artikolu 403 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »2. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-esponenti għandhom titolu validu skond il-liġi fuq l-istess proprjetà kif dejjem stqarrew f'kull okkażjoni li kellhom mal-istess atturi.«

4. Għalkemm fil-proċess ma jinstabx l-att relativ, fis-sentenza appellata jingħad illi fis-16 ta' Marzu 2012 il-konvenuti ressqu eċċezzjoni ulterjuri li għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju "għaliex l-art in kwistjoni ma tifformax parti mill-oġġett tal-kuntratt tal-1991 li biha xtraw art l-atturi".

5. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti, wara li iddikjarat illi "l-kawża saret fit-terminu preskritt mil-liġi" u ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi. Ir-raġuni għala l-ewwel qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni (li l-azzjoni ma saritx fiż-żmien li jagħti l-art. 403 tal-Kodiċi ta' Organizz-azzjoni u Proċedura Ċivili) għalkemm qabel iddikjarat illi "l-kawża saret fit-terminu preskritt mil-liġi" jidher li kienet illi fehmet illi l-ewwel

eċċezzjoni kienet li "m'hemmx l-elementi rikjesti skond l-art. 403 tal-Kap. 12[1]."

6. Il-parti relevanti tas-sentenza tgħid hekk:

> »L-elementi ta' azzjoni ta' din ix-xorta huma:-
>
> »i. millantazzjoni ta' pretensjoni;
>
> »ii. pretensjoni li tirrizulta minn att gudizzjarju jew bil-miktub;
>
> »iii. min jipproponi l-azzjoni jrid ikun fil-pussess tal-oġġett jew tad-dritt li fuqu tiġi magħmula l-millantazzjoni.
>
> »… … … Għalkemm il-konvenuti jsostnu li l-art in kwistjoni ma tifformax parti mit-titolu tal-akkwist tal-atturi u għalhekk m'għandhomx interess ġuridiku biex jipproponu din il-kawża, min jipproponi din it-tip ta' kawża m'hemmx għalfejn jagħti prova li hu proprjetarju tal-oġġett; … … … Għalhekk l-eċċezzjoni ulterjuri ser tiġi miċħuda.
>
> »Kawża ta' din ix-xorta trid issir fi żmien sena minn meta l-parti l-oħra tagħmel il-pretensjoni tagħha bil-miktub. … … …
>
> »… … …
>
> »Mill-protesti ġudizzjarji fuq imsemmija hu ċar li l-ħsieb warajhom kien sabiex il-konvenuti jagħmluha ċara li jippretendu li huma l-proprjetarji tal-art. Għalhekk il-protesti ġudizzjarji tat-2 ta' Frar 2010 u 22 ta' Diċembru 2010 jikkwalifikaw bħala millantazzjoni. Il-kawża saret fit-terminu preskritt mil-liġi.
>
> »Wara li l-qorti rat l-atti, inkluż tal-kawżi li qegħdin jinstemgħu wkoll minn din il-qorti kif presjeduta, hi tal-fehma li m'hemmx prova li l-atturi għandhom il-pussess tal-art. Prova li trid issir mill-atturi. … … …
>
> »… … …
>
> »Għal dawn il-motivi l-qorti qiegħda tiddeċiedi l-kawża billi:-
>
> »1. tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti;
>
> »2. tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.«

7. L-atturi appellaw mis-sentenza b'rikors tat-8 ta' Jannar 2013 li għalih il-konvenuti wieġbu fil-25 ta' Marzu 2013.

---

[1] **403.** Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni.

8. Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2017 quddiem din il-qorti tniżżel dan il-verbal:

   »Dr Alessandro Lia [għall-atturi appellanti] jinforma lill-qorti li wara li saret il-kawża odjerna l-appellati ddeduċew effettivament il-pretensjoni tagħhom li l-appellanti kienu qed jinsistu li għandhom jagħmlu bl-azzjoni tallum u li għalhekk il-meritu tal-appell illum huwa eżawrit.

   »Dr Charlene Caruana [għall-konvenuti] taqbel li llum il-meritu tal-appell huwa eżawrit peress illi l-patroċinati tagħha ddeduċew azzjoni rivendikatorja fil-konfront tal-appellati [*recte*, appellanti].«

9. Tifdal għalhekk il-kwistjoni dwar l-ispejjeż.

10. L-art. 412 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

    »**412.** Jekk il-parti li ppretendiet li għandha l-jedd tipprova li fiż-żmien lilha mogħti hija ġiebet 'il quddiem il-pretensjoni tagħha, il-qorti ma tiddeċidix it-tieni talba miġjuba fir-rikors ġuramentat oriġinali, u tħalli d-deċiżjoni tal-ispejjeż għall-kawża magħmula minn dik il-parti.«

11. Fil-każ tallum il-konvenuti ġabu 'l quddiem il-pretensjoni tagħhom b'kawża mhux għax ingħatalhom żmien biex jagħmlu hekk, għax it-talba tal-atturi tallum biex jingħata dak iż-żmien lill-konvenuti ġiet miċħuda, iżda minjeddhom. Il-konvenuti għalhekk igħidu illi l-art. 412 ma jolqotx il-każ tallum.

12. Madankollu, il-qorti tifhem illi l-fatt illi l-konvenuti fetħu l-kawża dwar il-jedd minnhom vantat huwa effettivament ammissjoni illi l-ewwel talba tal-atturi, għalkemm miċħuda mill-ewwel qorti, fil-fatt kellha tintlaqa'. L-ewwel qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għax fehmet li dik l-eċċezzjoni, minkejja l-kliem espliċiti tagħha, kienet tolqot l-elementi kollha tal-azzjoni u mhux biss dak ta' dekadenza. L-eċċezzjoni għalhekk laqgħetha, u hekk ċaħdet it-talba tal-atturi, għax dehrilha illi l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-art li dwarha saret il-millantazzjoni mill-konvenuti. Iżda meta l-konvenuti fetħu kawża ta'

rivendikazzjoni kontra l-atturi – kawża li ssir minn min jgħid li hu sid kontra min għandu l-pussess tal-art – effettivament kienu qegħdin jistqarru li l-atturi tallum tassew għandhom dak il-pussess, l-element li l-ewwel qorti qisitu nieqes.

13. Fil-fehma tal-qorti għalhekk bl-azzjoni ta' rivendikazzjoni li fetħu kontra l-atturi tallum il-konvenuti qegħdin effettivament jammettu l-ewwel talba tal-atturi fil-kawża tallum, *viz.* li saret millantazzjoni li tagħti raġuni tajba biex issir azzjoni ta' jattanza, u għalhekk l-art. 412 jolqot il-każ tallum.

14. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż u tħalli dik id-deċiżjoni għall-kawża magħmula mill-konvenuti dwar il-jedd minnhom vantat li wassal biex saret il-kawża tallum.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df